# Il-proġett Lifelong Learning through Nature fl-MCAST

## BirdLife Malta tgħin lill-MCAST jintroduċi *field trips* biex jippromwovi l-edukazzjoni barra mill-klassi

Għall-ewwel darba BirdLife Malta qed tikkollabora mal-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST) bħala parti mill-proġett Lifelong Learning through Nature (LLN) li jipprovdi lill-istudenti b'opportunitajiet biex joħorġu barra mill-klassi biex jitgħallmu aktar dwar id-dinja ta' madwarhom.

Dan il-proġett tfassal biex jiżviluppa riżorsi għal edukazzjoni ambjentali u edukazzjoni marbuta mal-iżvilupp sostenibbli. Ħadem mill-qrib ma' tfal u studenti mis-snin bikrija sal-Post-Sekondarja permezz ta' attivitajiet edukattivi formali u informali li jixhdu l-importanza tat-tagħlim barra mill-klassi.

Grazzi għal din is-sħubija ġdida bejn BirdLife Malta u l-MCAST, ġew żviluppati speċifikament għall-MCAST żewġ taqsimiet ġodda fil-kurrikulu marbutin mas-sostenibbiltà ambjentali (waħda f'Livell 2 u l-oħra f'Livell 3 bħala parti mill-Key Skills Science and Technology) li se jinkludu element ta' tagħlim barra mill-klassi permezz ta' *field trip*. Dan se jagħti lill-istudenti l-opportunità li jesperjenzaw żjarat iggwidati f'zona naturali.

Minbarra l-opportunità li jirrelataw man-natura u l-effetti pożittivi fuq il-*wellbeing* mentali u fiżiku, li l-istudenti jqattgħu ħin fl-ambjent naturali jagħtihom ukoll ċ-ċans li jifhmu r-rwol tagħhom bħala individwi fl-ambitu aktar wiesa' tal-ekosistema. B'hekk, permezz ta' din l-esperjenza diretta l-istudenti tal-MCAST jirrealizzaw x'inhuma l-effetti li qed iħalli l-impatt uman fuq l-ambjent naturali u kif ilkoll irridu nagħmlu għażliet li jibbenefikaw l-iżvilupp sostenibbli.

Matul l-aħħar jumejn BirdLife Malta mexxiet sessjonijiet introduttorji għal-lekċerers biex taġġornahom dwar ir-riżorsi li se jiġu pprovduti u tħarriġhom fl-organizzazzjoni ta' dawn il-*field trips* għall-istudenti li se jkunu esperjenza ġdida għalihom.

Dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ saru f'Wied l-Isperanza fil-Mosta u f'Wied Blandun f'Raħal Ġdid. B'kollox 13-il lekċerer tal-MCAST huma involuti f'din l-inizjattiva ġdida li minnha hu stmat li se jibbenefikaw aktar minn 1,500 student.

**TMIEM**

**Nota għall-edituri:**
Lifelong Learning through Nature (LLN) hu proġett mifrux fuq tliet snin (2014-2017) immexxi minn BirdLife Malta. Il-proġett iffinanzjat minn fondi tal-Erasmus+ qed isir b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u ma' tliet imsieħba internazzjonali li wkoll huma NGOs tal-konservazzjoni tal-għasafar: ir-Royal Society for the Protection of Birds (RSPB) tar-Renju Unit, BirdWatch Ireland, u l-Polish Society for the Protection of Birds (OTOP). Numru dejjem jiżdied ta' studji ta' riċerka (fosthom wieħed riċenti li sar minn BirdLife Malta flimkien mal-Università ta' Malta) jipprovdu evidenza dokumentata li turi kemm it-tagħlim barra mill-klassi flimkien mal-fatt li wieħed jirrelata man-natura huma importanti għas-saħħa, il-*wellbeing* u l-edukazzjoni. Din l-esperjenza u t-tagħrif miġbur issa qed jinqasmu mat-tliet imsieħba internazzjonali tal-proġett bl-iskop li jgħinuhom jadottaw l-istess riżultati fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u f'pajjiżi Ewropej oħra.

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Lifelong Learning through Nature
http://www.birdlifemalta.org/lln
http://birdlifemalta.org/education/lln-2

Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija
http://www.mcast.edu.mt

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member

**Ritratti:**
Ritratti mis-sessjonijiet ta' taħriġ li saru għal-lekċerers tal-MCAST fl-aħħar jumejn (It-Tnejn 21 u t-Tlieta 22 ta' Novembru) *Ritratti ta' BirdLife Malta*